

31999D0295

5.5.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 117/30

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-26 ta' April 1999****dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-estensjoni tal-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi membri ta' l-ASEAN għar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam**

(1999/295/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 130Y, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3),

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾;

Billi, sabiex tikseb l-għanijiet tagħha fl-isfera ta' relazzjonijiet ekonomiċi esterni, l-Komunità għandha tapprova l-Protokoll dwar l-estensjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi membri ta' l-ASEAN għar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-estensjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi membri ta' l-ASEAN

għar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam qiegħed fil-preżenti jiġi approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti notifika li l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll tlestew fir-rigward tal-Komunità ⁽³⁾.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 26 ta' April 1999.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

J. FISCHER

⁽¹⁾ ĠU C 95, ta' l-24.3.1997, p. 41.

⁽²⁾ ĠU C 325, tas-27.10.1997, p. 16.

⁽³⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.